Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0059(COD)

1.12.2025

EMENDI
2376 - 2409

Abbozz ta' rapport
Malik Azmani
(PE779.352v01-00)

L-istabbiliment ta' sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u t-tħassir tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE

Proposta għal regolament
(COM(2025)0101 – 2025/0059(COD))

Emenda 2376
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 47	***imħassar***
Sitwazzjonijiet ta' emerġenza	
1. F'sitwazzjonijiet fejn għadd eċċezzjonalment kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu rritornati jkun ta' piż kbir mhux previst fuq il-kapaċità tal-faċilitajiet ta' detenzjoni ta' Stat Membru jew fuq il-persunal amministrattiv jew ġudizzjarju tiegħu, dan l-Istat Membru jista', sakemm is-sitwazzjoni eċċezzjonali tippersisti, jiddeċiedi li jippermetti perijodi għal stħarriġ ġudizzjarju li jkunu itwal minn dawk previsti fl-Artikolu 33(3) u li jieħu miżuri urġenti fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni li jidderogaw minn dawk stabbiliti fl-Artikoli 34(1) u 35(2).	
2. Meta jirrikorri għal dawn il-miżuri eċċezzjonali, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Huwa għandu wkoll jinforma lill-Kummissjoni hekk kif ir-raġunijiet għall-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri eċċezzjonali ma jkunux għadhom jeżistu.	
3. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jiġi interpretat bħala li jippermetti lill-Istati Membri jidderogaw mill-obbligu ġenerali tagħhom li jieħdu l-miżuri xierqa kollha, kemm jekk ġenerali kif ukoll partikolari, biex jiżguraw l-issodisfar tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.	

Or. en

Emenda 2377
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 47	***imħassar***
Sitwazzjonijiet ta' emerġenza	
1. F'sitwazzjonijiet fejn għadd eċċezzjonalment kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu rritornati jkun ta' piż kbir mhux previst fuq il-kapaċità tal-faċilitajiet ta' detenzjoni ta' Stat Membru jew fuq il-persunal amministrattiv jew ġudizzjarju tiegħu, dan l-Istat Membru jista', sakemm is-sitwazzjoni eċċezzjonali tippersisti, jiddeċiedi li jippermetti perijodi għal stħarriġ ġudizzjarju li jkunu itwal minn dawk previsti fl-Artikolu 33(3) u li jieħu miżuri urġenti fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni li jidderogaw minn dawk stabbiliti fl-Artikoli 34(1) u 35(2).	
2. Meta jirrikorri għal dawn il-miżuri eċċezzjonali, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Huwa għandu wkoll jinforma lill-Kummissjoni hekk kif ir-raġunijiet għall-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri eċċezzjonali ma jkunux għadhom jeżistu.	
3. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jiġi interpretat bħala li jippermetti lill-Istati Membri jidderogaw mill-obbligu ġenerali tagħhom li jieħdu l-miżuri xierqa kollha, kemm jekk ġenerali kif ukoll partikolari, biex jiżguraw l-issodisfar tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.	

Or. en

Emenda 2378

François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'sitwazzjonijiet fejn għadd eċċezzjonalment kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu rritornati jkun ta' piż kbir mhux previst fuq il-kapaċità tal-faċilitajiet ta' detenzjoni ta' Stat Membru jew fuq il-persunal amministrattiv jew ġudizzjarju tiegħu, dan l-Istat Membru jista', sakemm is-sitwazzjoni eċċezzjonali tippersisti, jiddeċiedi li jippermetti perijodi għal stħarriġ ġudizzjarju li jkunu itwal minn dawk previsti fl-Artikolu 33(3) u li jieħu miżuri urġenti fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni li jidderogaw minn dawk stabbiliti fl-Artikoli 34(1) u 35(2).	1. F'sitwazzjonijiet fejn għadd eċċezzjonalment kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu rritornati jkun ta' piż kbir mhux previst fuq il-kapaċità tal-faċilitajiet ta' detenzjoni ta' Stat Membru jew fuq il-persunal amministrattiv jew ġudizzjarju tiegħu, dan l-Istat Membru jista', sakemm is-sitwazzjoni eċċezzjonali tippersisti, jiddeċiedi li jippermetti perijodi għal stħarriġ ġudizzjarju li jkunu itwal minn dawk previsti fl-Artikolu 33(3) u li jieħu miżuri urġenti fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni li jidderogaw minn dawk stabbiliti fl-Artikoli 34(1) u 35(2). ***L-Istati Membri jistgħu jadattaw temporanjament il-proċeduri amministrattivi u r-rekwiżiti fil-qasam tar-rappurtar intern biex iħaffu l-operazzjonijiet ta' ritorn, dment li tali adattamenti jkunu strettament neċessarji għall-finijiet ta' ġestjoni tas-sitwazzjoni eċċezzjonali.***

Or. en

Emenda 2379
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'sitwazzjonijiet fejn għadd eċċezzjonalment kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu rritornati jkun ta' piż kbir mhux previst fuq il-kapaċità tal-faċilitajiet ta' detenzjoni ta' Stat Membru	1. F'sitwazzjonijiet fejn għadd eċċezzjonalment kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu rritornati jkun ta' piż kbir mhux previst fuq il-kapaċità tal-faċilitajiet ta' detenzjoni ta' Stat Membru

jew fuq il-persunal amministrattiv jew ġudizzjarju tiegħu, dan l-Istat Membru jista', sakemm is-sitwazzjoni eċċezzjonali tippersisti, jiddeċiedi li ***jippermetti perijodi għal stħarriġ ġudizzjarju li jkunu itwal minn dawk previsti fl-Artikolu 33(3)*** u li jieħu miżuri urġenti fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni li jidderogaw minn dawk stabbiliti fl-Artikoli 34(1***) u 35(2***).	jew fuq il-persunal amministrattiv jew ġudizzjarju tiegħu, dan l-Istat Membru jista', sakemm is-sitwazzjoni eċċezzjonali tippersisti, jiddeċiedi li ***ma japplikax b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 29*** u li jieħu miżuri urġenti fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni li jidderogaw minn dawk stabbiliti fl-Artikoli 34(1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sitwazzjoni ta' emerġenza ma għandhiex tiġġustifika l-fatt li d-drittijiet tal-persuni ripatrijati li jitolbu stħarriġ ġudizzjarju jkomplu jiġu limitati, iżda għandha tirrikjedi lill-Istati Membri jiddistingwu bejn min tassew jeħtieġ li jitqiegħed f'detenzjoni u min le.

Emenda 2380
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'sitwazzjonijiet fejn għadd eċċezzjonalment kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu rritornati jkun ta' piż kbir mhux previst fuq il-kapaċità tal-faċilitajiet ta' detenzjoni ta' Stat Membru jew fuq il-persunal amministrattiv jew ġudizzjarju tiegħu, dan l-Istat Membru jista', sakemm is-sitwazzjoni eċċezzjonali tippersisti, jiddeċiedi li jippermetti perijodi ***għal stħarriġ ġudizzjarju li jkunu*** itwal minn dawk previsti ***fl-Artikolu*** 33(***3***) u li jieħu miżuri urġenti fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni li jidderogaw minn dawk stabbiliti fl-Artikoli 34(1) u 35(2).	1. F'sitwazzjonijiet fejn għadd eċċezzjonalment kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu rritornati jkun ta' piż kbir mhux previst fuq il-kapaċità tal-faċilitajiet ta' detenzjoni ta' Stat Membru jew fuq il-persunal amministrattiv jew ġudizzjarju tiegħu, dan l-Istat Membru jista', sakemm is-sitwazzjoni eċċezzjonali tippersisti, jiddeċiedi li jippermetti perijodi itwal minn dawk previsti ***fl-Artikoli 27(1),*** 33(***1) u 38(7***) u li jieħu miżuri urġenti fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni li jidderogaw minn dawk stabbiliti fl-Artikoli 34(1) u 35(2).

Or. en

Emenda 2381
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jiġi interpretat bħala li jippermetti lill-Istati Membri jidderogaw mill-obbligu ġenerali tagħhom li jieħdu l-miżuri xierqa kollha, kemm jekk ġenerali kif ukoll partikolari, biex jiżguraw l-issodisfar tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan l-Artikolu jipprevedi deroga minn ċerti obbligi speċifiċi f'ċirkostanzi speċifiċi. La jissuġġerixxi u lanqas ma jippermetti n-nonrispett ġeneralizzat tal-obbligi.

Emenda 2382
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-għadd ta' ***ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal*** deċiżjonijiet ta' ritorn ***rikonoxxuti*** maħruġa ***minn Stat Membru ieħor***;	a. l-għadd ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa;

Or. en

Emenda 2383
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal deċiżjonijiet ta' ritorn rikonoxxuti maħruġa minn Stat Membru ieħor;	a. l-għadd ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa;

Or. en

Emenda 2384
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. id-durata medja tad-detenzjoni u l-għadd ta' persuni soġġetti għal detenzjoni li jaqbżu din il-medja.

Or. en

Emenda 2385
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. l-għadd ta' każijiet li fihom il-Frontex ma tatx appoġġ lill-proċedura ta' ritorn jew ta' tneħħija u r-raġunijiet għal dan.

Or. en

Emenda 2386
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament

Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li l-perjodu ta' detenzjoni tagħhom laħaq il-perjodu massimu awtorizzat.

Or. en

Emenda 2387
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data kkomunikata għandha tiġi diżaggregata skont l-età, is-sess u ***ċ-ċittadinanza***. Id-data għandha tkun relatata mal-perjodu ta' referenza ta' trimestru wieħed. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) data għal tliet xhur kalendarji li jikkostitwixxu trimestru wieħed fi żmien xahrejn mit-tmiem ta' kull trimestru. L-ewwel perjodu ta' referenza għandu jkun [it-tieni trimestru wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	2. Id-data kkomunikata għandha tiġi diżaggregata skont l-età, is-sess***, iċ-ċittadinanza, il-pajjiż ta' oriġini*** u ***l-pajjiż ta' tranżitu***. Id-data għandha tkun relatata mal-perjodu ta' referenza ta' trimestru wieħed. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) data għal tliet xhur kalendarji li jikkostitwixxu trimestru wieħed fi żmien xahrejn mit-tmiem ta' kull trimestru. L-ewwel perjodu ta' referenza għandu jkun [it-tieni trimestru wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. fr

Emenda 2388
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Frontex fuq bażi ta'	***imħassar***

kull xahar id-data li ġejja, kif ukoll is-settijiet tad-data korrispondenti, fir-rigward ta' kull pajjiż terz:

a. l-għadd ta' applikazzjonijiet tar-riammissjoni ppreżentati;

b. l-għadd ta' talbiet għall-konferma tan-nazzjonalità u l-għadd ta' tweġibiet pożittivi u negattivi riċevuti rigward it-talbiet għall-konferma tan-nazzjonalità;

c. l-għadd ta' talbiet għall-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, l-għadd ta' dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz u l-għadd ta' tweġibiet negattivi rigward it-talba ta' dokumenti tal-ivvjaġġar;

d. l-għadd ta' benefiċjarji tal-assistenza għar-riintegrazzjoni mqassma skont il-pajjiż terz.

Il-Frontex għandha tagħti lill-Kummissjoni aċċess għad-data msemmija f'dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 2389
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Frontex fuq bażi ta' kull xahar id-data li ġejja, kif ukoll is-settijiet tad-data korrispondenti, fir-rigward ta' kull pajjiż terz:	***imħassar***
a. l-għadd ta' applikazzjonijiet tar-riammissjoni ppreżentati;	
b. l-għadd ta' talbiet għall-konferma tan-nazzjonalità u l-għadd ta' tweġibiet pożittivi u negattivi riċevuti rigward it-talbiet għall-konferma tan-nazzjonalità;	

c. l-għadd ta' talbiet għall-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, l-għadd ta' dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz u l-għadd ta' tweġibiet negattivi rigward it-talba ta' dokumenti tal-ivvjaġġar;

d. l-għadd ta' benefiċjarji tal-assistenza għar-riintegrazzjoni mqassma skont il-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 2390
Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Frontex għandha tagħti lill-Kummissjoni aċċess għad-data msemmija f'dan il-paragrafu.	Il-Frontex għandha tagħti lill-Kummissjoni aċċess għad-data msemmija f'dan il-paragrafu. ***Fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tagħmel id-data disponibbli fi żmien 21 jum.***

Or. en

Emenda 2391
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiġbru sistematikament id-data li ġejja li tikkonċerna l-kooperazzjoni ta' kull pajjiż terz dwar ir-riammissjoni:
	(a) l-għadd ta' applikazzjonijiet tar-riammissjoni ppreżentati;

(b) l-għadd ta' tweġibiet pożittivi u negattivi riċevuti għat-talbiet għall-konferma tan-nazzjonalità;

(c) iż-żmien medju li ħa l-pajjiż terz biex jagħti tweġiba lil tali talbiet;

(d) l-għadd ta' dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-pajjiż terz għal finijiet ta' ritorn u l-għadd ta' talbiet rifjutati;

(e) l-għadd ta' ritorni effettivi li jsiru lejn dak il-pajjiż, diżaggregat skont ritorni furzati u volontarji.

Or. en

Emenda 2392
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' kumitat fl-Artikolu 49 biex tiġi stabbilita metodoloġija komuni u format standardizzat għall-ġbir u għar-rappurtar tad-data msemmija fil-paragrafu 3a, bil-għan li jiġi żgurat li d-data tkun armonizzata, kompluta u komparabbli fl-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 2393
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw id-data msemmija fil-paragrafu 3a lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) fuq bażi trimestrali.

Or. en

Emenda 2394
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 48 - paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. Il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Frontex, għandha tikkompila u tanalizza d-data ppreżentata mill-Istati Membri skont il-paragrafu 3a u informazzjoni rilevanti oħra, inkluż mill-uffiċjali ta' kollegament tal-Unjoni u mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni, għal finijiet tal-valutazzjoni annwali msemmija fl-Artikolu 46a.

Or. en

Emenda 2395
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-data msemmija fil-paragrafi 1 u 3, diżaggregata skont l-Istat Membru, tista' tiġi kkomunikata lil pajjiżi terzi għall-finijiet ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta'	***imħassar***

riammissjoni, u l-konformità miegħu, inkluż fil-qafas tal-istrumenti ta' riammissjoni tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 2396
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-data msemmija fil-paragrafi 1 u 3, dižaggregata skont l-Istat Membru, tista' tiġi kkomunikata lil pajjiżi terzi għall-finijiet ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' riammissjoni, u l-konformità miegħu, inkluż fil-qafas tal-istrumenti ta' riammissjoni tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2397
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Artikolu 48a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 48a
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 7 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-

Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tal-eżerċizzju tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 7 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fid-dawl tal-att delegat propost fl-Artikolu 7.

Emenda 2398
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa ***[data]*** u kull ***5 snin*** wara dan, il-Kummissjoni għandha ***tirrapporta*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***fl-Istati Membri*** u ***għandha***, ***fejn*** xieraq, ***tipproponi emendi***.	1. ***1.*** Sa ***[data - sentejn wara d-dħul fis-seħħ],*** u kull ***sentejn*** wara dan, il-Kummissjoni għandha ***tippreżenta rapport*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***. Dan ir-rapport għandu jinkludi evalwazzjoni komprensiva tal-effettività ta' dan ir-Regolament,*** u ***għandu***, ***meta jkun neċessarju u*** xieraq, ***ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva biex temenda jew testendi l-applikazzjoni tiegħu***.

Or. en

Emenda 2399
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa ***[data]*** u kull ***5*** snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri u għandha, fejn xieraq, tipproponi emendi.	1. Sa ***[ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*** u kull ***ħames*** snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri u għandha, fejn xieraq, tipproponi emendi.

Or. en

Emenda 2400
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [data] u kull ***5 snin*** wara dan, il-Kummissjoni għandha ***tirrapporta*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri u għandha, fejn xieraq, tipproponi emendi.	1. Sa [data] u kull ***sentejn*** wara dan, il-Kummissjoni għandha ***tippreżenta rapport*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri u għandha, fejn xieraq, tipproponi emendi.

Or. en

Emenda 2401
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [data] u kull ***5 snin*** wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri u għandha, fejn xieraq, tipproponi emendi.	1. Sa [data] u kull ***sentejn*** wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri u għandha, fejn xieraq, tipproponi emendi.

Or. en

Emenda 2402
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Sa [data] u kull ***5 snin*** wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament*** fl-Istati Membri u għandha, fejn xieraq, tipproponi emendi.	1. Sa [data] u kull ***sentejn*** wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva*** fl-Istati Membri u għandha, fejn xieraq, tipproponi emendi.

Or. en

Emenda 2403
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom, fuq talba tal-Kummissjoni, jibagħtulha l-informazzjoni meħtieġa għat-tfassil tar-rapport tagħha mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien.	2. L-Istati Membri għandhom, fuq talba tal-Kummissjoni, jibagħtulha l-informazzjoni meħtieġa***, jekk tkun disponibbli,*** għat-tfassil tar-rapport tagħha ***skont il-paragrafu 1*** mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien. ***Il-Kummissjoni għandha, meta possibbli, tagħmel użu mill-informazzjoni li ssir disponibbli skont ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.***

Or. en

Emenda 2404
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 50a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 50a
	Applikazzjoni u skadenza
	1. Dan ir-Regolament għandu japplika minn [data - eż. sentejn wara d-dħul fis-

seħħ].

2. Dan ir-Regolament għandu jiskadi fi [data - 5 snin wara d-data ta' applikazzjoni].

3. L-iskadenza ta' dan ir-Regolament ma għandhiex taffettwa t-tħassir tad-Direttivi u tad-Deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 51.

4. Il-Kummissjoni għandha, meta jkun neċessarju u xieraq, u b'mod partikolari meta dan ir-Regolament ikun wera l-effettività tiegħu, tippreżenta proposta leġiżlattiva li temenda l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu bil-għan li testendi l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li, f'każ li dan ir-Regolament jiskadi mingħajr estensjoni tal-applikazzjoni tiegħu, ikun stabbilit qafas legali nazzjonali li jirregola l-proċeduri ta' ritorn bil-għan li jipprevjeni li jkun hemm vojt ġuridiku.

Or. en

Emenda 2405
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-Direttiva 2008/115/KE hija mħassra għall-Istati Membri li huma marbuta ***b'dan ir-Regolament***. Id-Direttiva 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE jitħassru b'effett mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(2) għall-Istati Membri marbuta ***b'dan ir-Regolament***.	1. Id-Direttiva 2008/115/KE hija mħassra għall-Istati Membri li huma marbuta ***b'din id-Direttiva***. Id-Direttiva 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE jitħassru b'effett mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(2) għall-Istati Membri marbuta ***b'din id-Direttiva***.

Or. en

Emenda 2406
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. ***Għandu japplika minn [sitt snin mid-data tad-dħul fis-seħħ]. Madankollu, l-Artikoli 4(3), 4(8), 10, 11, 16(1) u (3), 17, 21 sa 21A, 23 sa 23C, 29, 32 sa 34, 37 u 43 għandhom japplikaw mid-dħul fis-seħħ.***

Or. en

Emenda 2407
Malik Azmani

Proposta għal regolament
Anness I – subintestatura 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Anness 1a: Ordni Ewropea ta' Ritorn ***1. Ir-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn meħuda fir-rigward taċ-ċittadin ta' pajjiż terz*** ***.....*** ***.....*** ***2. Data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri*** ***.....*** ***.....*** ***3. Pajjiż jew pajjiżi tar-ritorn*** ***.....*** ***.....*** ***4. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi ritornat lejn wieħed mill-pajjiżi fil-punt 3^{1a}*** ***Iva/Le*** ***5. Informazzjoni dwar l-identità taċ-***

ċittadin ta' pajjiż terz[1b]

.....

.....

6. Id-data bijometrika korretta taċ-ċittadin ta' pajjiż terz hija disponibbli fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ("SIS") u f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1358

Iva/Le

7. Dokumenti tal-ivvjaġġar disponibbli fis-SIS, neċessarji għal finijiet ta' ritorn

Iva/Le

8. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa soġġett għal projbizzjoni fuq id-dħul

Iva/Le

9. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa benefiċjarju ta' assistenza għar-riintegrazzjoni

Iva/Le

10. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolament dwar ir-Ritorni [UE 2025/0059]

Iva/Le

11. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ġie identifikat b'xi vulnerabbiltà

Iva/Le

Jekk hi neċessarja aktar informazzjoni għall-finijiet tar-ritorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, ikkonsulta l-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

[1a] It-tneħħija jenħtieġ li tiġi posposta meta tkun tikser il-prinċipju ta' non-refoulement jew meta s-sospensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn tkun fis-seħħ.

[1b] Din tista' tikkonsisti mill-kunjom(ijiet); l-isem/ismijiet; meta jkun il-każ, l-isem/ismijiet preċedenti u l-isem ieħor/ismijiet oħrajn, il-psewdonimu/i; id-data, il-post u l-pajjiż tat-twelid u s-sess.

Or. en

Emenda 2408

Malik Azmani

Proposta għal regolament
Anness I – subintestatura 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Anness 1b: Formola ta' riammissjoni (li tikkonsisti mill-parti 1 u/jew mill-parti 2)
	Dežinjazzjoni tal-awtorità rikjedenti:
	Dežinjazzjoni tal-awtorità rikjedenti:
	Post u data:
	Dettalji personali (imsemmija wkoll fil-partijiet l-oħra):
	Kunjom u isem:
	Data u post tat-twelid:
	Sess, ritratt u deskrizzjoni fiżika (tul, kulur tal-għajnejn, marki distintivi eċċ.):
	Parti 1: Talba għal konferma tan-nazzjonalità (trid timtela biss meta jkun neċessarju u mingħajr ripetizzjoni fil-parti 2)
	Numru ta' referenza:
	Talba għal intervista: Iva/Le
	1. Isem mat-twelid:
	2. Isem il-missier, isem l-omm:
	3. Magħruf(a) bħala (ismijiet preċedenti, ismijiet oħra użati/li magħruf(a) bihom jew psewdonimi):
	4. Konferma pendenti tan-nazzjonalità u lingwa/i:
	5. Meta applikabbli, tip u numru tad-dokument(i) tal-ivvjaġġar preċedenti maħruġ(a) lil dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz:
	6. Tip u numru tad-dokument tal-ivvjaġġar (meta applikabbli):
	7. Il-persuna waslet flimkien mal-konjuġi u mat-tfal? Jekk iva, indika d-dettalji, jekk disponibbli.
	A. Dettalji personali tal-konjuġi, jekk disponibbli
	1. Kunjom u isem (issottolinja l-kunjom):
	2. Kunjom xbubitha:
	3. Data u post tat-twelid:
	4. Sess u deskrizzjoni fiżika (tul, kulur tal-għajnejn, marki distintivi eċċ.):
	5. Magħruf(a) bħala (ismijiet preċedenti, ismijiet oħra użati/li magħruf(a) bihom

jew psewdonimi):
6. Nazzjonalità u lingwa:
B. Dettalji personali tat-tfal, jekk disponibbli
1. Kunjom u isem (issottolinja l-kunjom):
2. Data u post tat-twelid:
3. Sess u deskrizzjoni fiżika (tul, kulur tal-għajnejn, marki distintivi eċċ.):
4. Nazzjonalità u lingwa:
5. Mezzi ta' provi meħmuża, eż.:
- Passaporti skaduti, inklużi fotokopji tal-passaport skadut ta' kwalunkwe tip (passaporti skaduti, passaporti diplomatiċi, passaporti ta' servizz u passaporti sostituttivi inklużi l-passaporti tat-tfal)
-Fotokopji tal-passaport validu
-Laissez-passer (inklużi dawk skaduti u fotokopji) maħruġa mill-Istat rikjedenti
-Karti tal-identità ta' kwalunkwe tip (inklużi skaduti u fotokopji u dawk temporanji u proviżorji)
-Kotba tas-servizz u karti tal-identità militari (inklużi dawk skaduti u fotokopji)
-Dokumenti tal-identità tal-baħħara u ktejjeb tal-baħħara (inklużi dawk skaduti u fotokopji)
-Ċertifikati ta' ċittadinanza u dokumenti uffiċjali oħra li jsemmu jew jindikaw b'mod ċar iċ-ċittadinanza (inklużi dawk skaduti u fotokopji)
-Konferma tal-identità wara tfittxija li tkun saret fis-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża skont ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (inklużi fotokopji)
-Liċenzji tas-sewqan jew fotokopji tagħhom
-Ċertifikati tat-twelid jew fotokopji tagħhom
-Karti tal-identità tal-kumpaniji jew fotokopji tagħhom
-Dikjarazzjonijiet tax-xhieda
-Dikjarazzjonijiet magħmula mill-persuna kkonċernata u l-lingwa mitkellma minnha, anke permezz ta' riżultat ta' test uffiċjali
-Kwalunkwe dokument ieħor li jista' jgħin biex tiġi stabbilita ċ-ċittadinanza tal-

persuna kkonċernata
- Marki tas-swaba'
6. Osservazzjonijiet u informazzjoni addizzjonali, jekk disponibbli:

Or. en

Emenda 2409
Malik Azmani

Proposta għal regolament
Anness I – subintestatura 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Parti 2: Talba għal ħruġ tad-dokument tal-ivvjaġġar (trid timtela biss meta jkun neċessarju u mingħajr ripetizzjoni fil-parti 1)
	1. Nazzjonalità u lingwa:
	2. Meta applikabbli, referenza għat-talba għall-konferma tan-nazzjonalità u r-risposta pożittiva mogħtija mill-Istat rikjedenti:
	3. Mezzi ta' provi meħmuża, eż.:
	-Passaporti skaduti ta' kwalunkwe tip (passaporti nazzjonali, passaporti diplomatiċi, passaporti ta' servizz u passaporti sostituttivi inklużi l-passaporti tat-tfals)
	-Laissez-passer skaduti maħruġa mill-Istat rikjedenti, karti tal-identità ta' kwalunkwe tip (inklużi dawk temporanji, proviżorji u skaduti)
	-Kotba tas-servizz u karti tal-identità militari, dokumenti tal-identità tal-baħħara u ktejjeb tal-baħħara, ċertifikati taċ-ċittadinanza u dokumenti uffiċjali oħra li jsemmu jew jindikaw b'mod ċar iċ-ċittadinanza
	-Konferma tal-identità wara tfittxija li tkun saret fis-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża jew fl-ETIAS; nru, data u post tal-ħruġ, awtorità emittenti, data ta' skadenza
	4. Ċirkostanzi speċjali relatati mal-persuna suġġetta għal trasferiment

rilevanti għall-operazzjoni ta' ritorn:
a. Stat ta' saħħa (eż. referenza possibbli għal kuri mediċi speċjali; isem Latin tal-mard li jittieħed):
b. Indikazzjoni jekk hijiex persuna partikolarment perikoluża (eż. persuna suspettata ta' reat gravi, ta' mġiba aggressiva)
5. Osservazzjonijiet u informazzjoni addizzjonali, jekk disponibbli:

Or. en